MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 270/2003

**Avviz numru 270/03 DM**

**M. Demajo (Holdings) Limited**

**Vs**

**Mark Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,864.67) import ta' ghaxar (10) kambjali ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm171) il-wahda oltre kambjala wahda (1) ta' mija u erbgha u hamsin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm154.67), liema kambjali rispettivament skadew fl-ewwel jum ta' kull xahar bejn l-1 ta' Gunju, 2001, u l-1 ta' April, 2002, inklussivament, u li gew annessi ma' l-avviz u mmarkati rispettivament minn

dokument MDH 1 sa MDH 11 inklussivament, u liema somma l-konvenut naqas milli jhallas.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament ir-rappresentant tal-kumpanija attrici Gaetano Cordina u rat il-kambjali originali esebiti fl-atti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elf, tmin mija, erbgha u sittin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,864.67), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ April, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------